MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 606/2004

**Lawrence Agius**

**vs**

**George Frendo**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija tmienja u sittin Liri Maltin (Lm668.00), rapprezentanti l-import ta' seba' (7) kambjali ta' mija u tmien Liri Maltin (Lm108.00) il-wahda iffirmati minn George Frendo, liema kambjali huma maturati, skaduti u mhux onorati jigifieri:

i. Kambjala numru erbgha (4) ghall-ammont ta' mija u tmien Liri Maltin (Lm108.00) skaduta fit-30 t'Awissu 2003,

liema ammont gie ridott u ghalhekk baqa’ pendenti ghoxrin Liri Maltin (Lm20.00);
ii	Kambjala numru hamsa (5) ghall-ammont ta’ mija u tmien Liri Maltin (Lm108.00) skaduta fit-30 ta’ Settembru 2003;
iii	Kambjala numru sitta (6) ghall-ammont ta’ mija u tmien Liri Maltin (Lm108.00) skaduta fit-30 ta’ Ottubru 2003;
iv	Kambjala numru sebgha (7) ghall-ammont ta’ mija u tmien Liri Maltin (Lm108.00) skaduta fit-30 ta’ Novembru 2003;
v	Kambjala numru tmienja (8) ghall-ammont ta’ mija u tmien Liri Maltin (Lm108.00) skaduta fit-30 ta’ Dicembru 2003;
vi	Kambjala numru disgha (9) ghall-ammont ta’ mija u tmien Liri Maltin (Lm108.00) skaduta fit-30 ta’ Jannar 2003;
vii	Kambjala numru ghaxra (10) ghall-ammont ta’ mija u tmien Liri Maltin (Lm108.00) skaduta fit-30 ta’ Frar 2003;

Illi ghalkemm il-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas, dan baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-mandat ta’ Qbid numru 509/04, ta’ l-ittra interpellatorja datata 23 ta’ Jannar 2004 u bl-imghax legali, kontra l-konvenut illi hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew pprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ sitt mija tmienja u sittin Liri Maltin (Lm668.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza u dawk tal-mandat ta' qbid numru 509/04 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------